Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2025/0055(NLE)

3.6.2025

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra
(07847/2025 – C10-0085/2025 – 2025/0055(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Dariusz Joński

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 4

NOTA SPJEGATTIVA 5

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 6

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta’ Vanuatu mal-Ftehim Interim ta’ Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra
(07847/2025 – C10-0085/2025 – 2025/0055(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (07847/2025),

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interim ta’ Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra[1],

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0085/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0000/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-adeżjoni ta’ Vanuatu mal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u ta’ Vanuatu.

[1] ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2009/729/oj.

NOTA SPJEGATTIVA

L-adeżjoni ta' Vanuatu għall-FSE interim bejn l-UE, Fiġi, Papua New Guinea, Samoa u l-Gżejjer Solomon, li huwa ftehim kummerċjali asimetriku u kompatibbli mad-WTO, issaħħaħ il-qafas legali tar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi sħab tal-Paċifiku u tiffaċilita l-kummerċ reċiproku. Hija tinkorpora wkoll lil Vanuatu fir-reġim ta' regoli u istituzzjonijiet konġunti stabbiliti mill-FSE interim.

Wara l-klassifikazzjoni ta' Vanuatu mill-Bank Dinji bħala pajjiż b'introjtu medju superjuri, il-pajjiż se jitneħħa, mill-1 ta' Jannar 2025, mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji Kollox Minbarra Armi (KMA) taħt l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP), u mhux se jibqa' jibbenefika mill-preferenzi tariffarji (aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-UE) ipprovduti skont l-arranġament speċjali KMA għall-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Ir-rapporteur jappoġġja l-integrazzjoni ekonomika tal-Istati tal-Paċifiku u jilqa' l-adeżjoni ta' Vanuatu mal-iEPA peress li din se tkun ta' benefiċċju għar-reġjun kif ukoll għar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Unjoni Ewropea.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.